# REGOLAMENT (UE) 2016/2032 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tas-26 ta' Ottubru 2016

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 91/2003 dwar l-istatistika tat-trasport bil-ferrovija, fir-rigward tal-ġbir tal-informazzjoni dwar merkanzija, passiġġieri u inċidenti

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([1]),

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 91/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jistabbilixxi qafas komuni għall-produzzjoni, it-trażmissjoni, l-evalwazzjoni u t-tixrid ta' statistika komparabbli dwar it-trasport ferrovjarju fl-Unjoni.

(2) L-istatistika dwar it-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri bil-ferrovija hija neċessarja sabiex il-Kummissjoni tkun tista' timmonitorja u tiżviluppa l-politika ta' trasport komuni, kif ukoll l-elementi ta' trasport ta' dawk il-politiki li jirrigwardaw ir-reġjuni u n-netwerks transEwropej.

(3) L-istatistika dwar is-sikurezza ferrovjarja hija neċessarja wkoll sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tħejji u timmonitorja l-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-sikurezza tat-trasport. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji tiġbor *data* dwar l-inċidenti taħt l-Anness I tad-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) fir-rigward tal-indikaturi komuni tas-sigurtà u l-metodi komuni għall-kalkolu tal-ispejjeż tal-inċidenti.

(4) Hu importanti li jiġi evitat ix-xogħol doppju u li jsir l-aħjar użu tal-informazzjoni eżistenti li tkun tista' tintuża għall-finijiet ta' statistika. Għal dak il-għan, u bil-ħsieb li tkun provduta informazzjoni faċilment aċċessibbli u utli għaċ-ċittadini tal-Unjoni u partijiet ikkonċernati oħra dwar is-sikurezza tat-trasport ferrovjarju u l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja, inklużi l-infrastruttura ferrovjarja, għandhom jiġu stabbiliti ftehimiet ta' kooperazzjoni adatti dwar l-attivitajiet ta' statistika bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-entitajiet rilevanti, inkluż fil-livell internazzjonali.

(5) Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri li jibagħtu *data* dwar il-passiġġieri lill-Kummissjoni (Eurostat) skont ir-Regolament (KE) Nru 91/2003, ipprovdew regolarment l-istess *data* kemm għad-datasets proviżorji kif ukoll għal dawk finali.

(6) Għandu jintlaħaq bilanċ bejn il-bżonnijiet tal-utenti u l-piż fuq ir-rispondenti meta tiġi prodotta statistika Ewropea.

(7) Fil-Grupp ta' Ħidma u t-Task Force tiegħu dwar l-istatistika ferrovjarju, il-Eurostat wettaq analiżi teknika tad-*data* eżistenti dwar l-istatistika dwar it-trasport ferrovjarju miġbura bis-saħħa tal-atti tal-Unjoni vinkolanti rilevanti u tal-politika ta' disseminazzjoni, sabiex kemm jista' jkun jiġu simplifikati d-diversi attivitajiet meħtieġa għall-produzzjoni tal-istatistika, filwaqt li jiġi żgurat li r-riżultat finali jibqa' allinjat mal-bżonnijiet attwali u futuri tal-utenti.

([1]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2014 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tat-18 ta' Lulju 2016 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2016 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 91/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-istatistika tat-trasport bil-ferrovija (ĠU L 14, 21.1.2003, p. 1).

([3]) Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzi ta' l-impriżi tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allokazzjoni tal-kapaċità ta' l-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu ta' l-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà (Id-Direttiva tas-Sigurtà Tal-Linji tal-Ferrovija) (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44).

(8) Fir-rapport tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-esperjenza tagħha miksuba fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 91/2003, il-Kummissjoni semmiet il-fatt li l-iżviluppi fuq terminu twil probabbilment iwasslu għas-soppressjoni jew is-simplifikazzjoni tad-*data* diġà miġbura taħt dak ir-Regolament, u li l-għan huwa li jitnaqqas il-perijodu ta' trażmissjoni tad-*data* għad-*data* annwali dwar il-passiġġieri bil-ferrovija. Il-Kummissjoni għandha tkompli tipprovdi rapporti f'intervalli regolari dwar l-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament.

(9) Ir-Regolament (KE) Nru 91/2003 jagħti setgħat lill-Kummissjoni biex timplimenta x'uħud mid-dispożizzjonijiet tiegħu. Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat"), jeħtieġ li s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni skont dak ir-Regolament jiġu allinjati mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat.

(10) Sabiex jiġu riflessi l-iżviluppi l-ġodda fl-Istati Membri filwaqt li, fl-istess ħin, jinżamm il-ġbir armonizzat tad-*data* dwar it-trasport ferrovjarju fl-Unjoni kollha, u bil-ħsieb li tinżamm il-kwalità għolja tad-*data* mibgħuta mill-Istati Membri, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tar Regolament (KE) Nru 91/2003 biex jiġu adattati d-definizzjonijiet tekniċi u biex jiġu previsti definizzjonijiet tekniċi addizzjonali. Hu ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([1]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(11) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawk l-atti delegati ma jimponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti.

(12) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 91/2003, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni tal-informazzjoni li għandha tingħata għar-rapporti dwar il-kwalità u l-komparabbiltà tar-riżultati, u l-arranġamenti għad-disseminazzjoni ta' dawk ir-riżultati mill-Kummissjoni (Eurostat). Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(13) Il-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika ġie kkonsultat.

(14) Għaldaqstant ir-Regolament (KE) Nru 91/2003 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 91/2003 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jitħassru l-punti 24 sa 30;

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10 rigward l-emendar tal-Artikolu preżenti li jadatta d-definizzjonijiet tekniċi li jinsabu fil-punti 8 sa 10 u 21 sa 23 tal-paragrafu 1, u li tipprevedi definizzjonijiet tekniċi addizzjonali meta jkun meħtieġ biex jittieħed kont ta' żviluppi ġodda li jirrikjedu d-definizzjoni ta' ċertu livell ta' dettall tekniku sabiex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni tal-istatistika.

([1]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Meta teżerċita dik is-setgħa, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-atti delegati ma jimponux piż amministrattiv addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tiġġustifika debitament l-azzjonijiet statistiċi previsti f'dawk l-atti delegati, bl-użu, fejn adatt, ta' analiżi tal-kosteffettività, inkluż valutazzjoni tal-piż fuq ir-rispondenti u tal-ispejjeż tal-produzzjoni, kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' *data* suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (Test b'relevanza għaż-ŻEE u għall-Iżvizzera) (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164)."

(2) L-Artikolu 4 jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jitħassru l-punti (b), (d) u (h);

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw taħt l-Annessi A u C informazzjoni għall-impriżi li għandhom:

(a) volum totali ta' trasport ta' merkanzija tagħhom ta' mill-anqas 200 000 000 tunnellata-kilometri jew mill-anqas 500 000 tunnellata;

(b) volum totali ta' trasport ta' passiġġieri tagħhom ta' mill-anqas 100 000 000 passiġġieri-kilometri.

Ir-rapportar taħt l-Annessi A u C għandu jkun fakultattiv fir-rigward ta' impriżi li jaqgħu taħt il-livelli limitu msemmija fil-punti (a) u (b).";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw taħt l-Anness L l-informazzjoni totali għall-impriżi li jaqgħu taħt il-livelli limitu msemmija fil-paragrafu 2 jekk dik l-informazzjoni ma tiġix irrapportata taħt l-Annessi A u C, kif speċifikat fl-Anness L.";

(3) fl-Artikolu 5(2), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) l-informazzjoni amministrattiva, li tinkludi l-informazzjoni miġbura mill-awtoritajiet regolatorji, b'mod partikolari l-polza tat-tagħbija tal-merkanzija ferrovjarja jekk tkun disponibbli";

(4) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 7*

**Tixrid**

L-istatistika bbażata fuq id-*data* speċifikata fl-Annessi A, C, E, F, G, u L għandha tiġi mxerrda mill-Kummissjoni (Eurostat).

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-arranġamenti għat-tixrid tar-riżultati. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2).";

(5) L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"1a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw il-kwalità tal-informazzjoni trażmessa.".

(b) jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-kriterji ta' kwalità li għandhom jiġu applikati għall-informazzjoni li għandha tiġi trażmessa huma dawk imsemmija fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw l-arranġamenti dettaljati, l-istruttura, il-perjodiċità u l-elementi ta' komparabbiltà għar-rapporti ta' kwalità standard. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2).";

(6) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 9*

**Rapporti dwar l-implimentazzjoni**

Sal-31 ta' Diċembru 2020 u kull erba' snin wara dan, il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta mal-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika, għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u dwar żviluppi futuri.

F'dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tieħu kont tal-informazzjoni rilevanti provduta mill-Istat Membri li tirrigwarda l-kwalità tal-informazzjoni trażmessa, il-metodi li jintużaw għall-ġbir tal-informazzjoni u l-informazzjoni dwar titjib potenzjali u dwar il-ħtiġijiet tal-utenti.

B'mod partikolari, dak ir-rapport għandu:

(a) jivvaluta l-benefiċċji, għall-Unjoni, l-Istati Membri u l-fornituri u l-utenti ta' informazzjoni statistika, tal-istatistika prodotta, meta mqabbla mal-ispejjeż tagħhom;

(b) jivvaluta l-kwalità tal-informazzjoni trażmessa, il-metodi użati għall-ġbir tal-informazzjoni u l-kwalità tal-istatistika prodotta.";

(7) L-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 10*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati tingħata lill-Kummissjoni soġġetta għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mit-13 ta' Diċembru 2016. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perijodi ta' żmien bl-istess durata, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonax għal din l-estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 3(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha twassal għat-tmiem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' atti delegati diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (*).

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat bis-saħħa tal-Artikolu 3(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew il-Kunsill.

(*) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.";

(8) L-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 11*

**Proċedura ta' Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).";

(9) Jitħassar l-Artikolu 12;

(10) Jitħassru l-Annessi B, D, H u I;

(11) L-Anness C huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness I għal dan ir-Regolament,

(12) Jiżdied l-Anness L, kif indikat fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, is-26 ta' Ottubru 2016.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | I. LESAY |

*ANNESS I*

*"ANNESS C*

| STATISTIKA ANNWALI DWAR IT-TRASPORT TAL-PASSIĠĠIERI — RAPPURTAR DETTALJAT | |
|---|---|
| Lista tal-varjanti u tal-unitajiet tal-kejl | Passiġġieri ttrasportati fi:<br>— numru ta' passiġġieri<br>— passiġġieri-kilometri<br>Movimenti tal-ferroviji tal-passiġġieri fi:<br>— ferroviji-kilometri |
| Perijodu taż-żmien ta' riferiment | Sena |
| Frekwenza | Kull sena |
| Lista ta' tabelli bit-tqassim waħda waħda għal kull tabella | Tabella C3: il-passiġġieri ttrasportati, skont it-tip tat-trasport<br>Tabella C4: il-passiġġieri internazzjonali ttrasportati, skont il-pajjiż tal-imbark u l-pajjiż tal-iżbark<br>Tabella C5: Movimenti tal-ferroviji tal-passiġġieri |
| Skadenza għat-trażmissjoni tal-informazzjoni | Tmien xhur wara t-tmiem tal-perijodu ta' riferiment. |
| L-ewwel perijodu ta' riferiment | 2016 |
| Noti | 1. It-tip tat-trasport jiġi mqassam wieħed wieħed kif ġej:<br>— nazzjonali<br>— internazzjonali<br>2. Għat-Tabelli C3 u C4, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw informazzjoni li tinkludi l-informazzjoni mill-bejgħ tal-biljetti 'il barra mill-pajjiż tar-rappurtar. Din l-informazzjoni tista' tinkiseb jew direttament mill-awtoritajiet nazzjonali ta' pajjiżi oħra jew permezz tal-arranġamenti internazzjonali tal-kumpens għall-biljetti." |

*ANNESS II*

*"ANNESS L*

Tabella L.1

| LIVELL TAL-ATTIVITÀ TA' TRASPORT FIT-TRASPORT TAL-MERKANZIJA | |
|---|---|
| Lista tal-varjanti u tal-unitajiet tal-kejl | Merkanzija trasportata fi:<br>— tunnellati totali<br>— tunnellati-kilometri totali<br>Movimenti tal-ferroviji tal-merkanzija fi:<br>— ferroviji-kilometri totali |
| Perijodu ta' riferiment | Sena |
| Frekwenza | Kull sena |
| Skadenza għat-trażmissjoni tal-informazzjoni | Ħames xhur mit-tmiem tal-perjodu ta' riferiment |
| L-ewwel perijodu ta' riferiment | 2017 |
| Noti | Għall-impriżi biss li għandhom volum totali ta' trasport ta' merkanzija ta' anqas minn 200 miljun tunnellata-kilometri u anqas minn 500 000 tunnellata u li ma jirrapportawx taħt l-Anness A (rappurtar dettaljat) |

Tabella L.2

| LIVELL TAL-ATTIVITÀ TA' TRASPORT FIT-TRASPORT TAL-PASSIĠĠIERI | |
|---|---|
| Lista tal-varjanti u tal-unitajiet tal-kejl | Passiġġieri ttrasportati fi:<br>— passiġġieri totali<br>— passiġġieri-kilometri totali<br>Movimenti tal-ferroviji tal-passiġġieri fi:<br>— ferroviji-kilometri totali |
| Perijodu ta' riferiment | Sena |
| Frekwenza | Kull sena |
| Skadenza għat-trażmissjoni tal-informazzjoni | Tmien xhur mit-tmiem tal-perijodu ta' riferiment |
| L-ewwel perijodu ta' riferiment | 2017 |
| Noti | Għall-impriżi biss li għandhom volum totali ta' trasport ta' passiġġieri ta' anqas minn 100 miljun ta' passiġġieri-kilometri u li ma jirrapportawx taħt l-Anness C (rappurtar dettaljat)" |